32001D0033

L 16/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 18.1.2001

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tad-19 ta' Diċembru 2000
## fuq l-iffirmar ta' ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunitajiet Ewopreju l-Ukraina fir-rigward ta' l-estensjoni u l-emenda tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropeau l-Ukraina fuq il-kummerċ fil-prodotti tessili inizjalat fil-5 ta' Mejju 1993, kif l-aħħar emendat mill-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri inizzjalat fil-15 ta' Ottubru, 1999 u illi jawtorizza l-applikazzjoni provviżorja tagħha

(2001/33/KE)

Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ([1]) it-Trattat illi jistabilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 133 konġuntivament ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel ta' l-Artikolu 300 ([2]) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

billi:

(1) Il-Kummissjoni innegozjat f'isem il-Komunità ftehim bilaterali fil-forma ta' Skambju ta' Ittri sabiex testendi u temenda l-Ftehim eżistenti bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Ukraina fdwar il-Kummerċ fil-prodotti tessili u l-Protokoll tiegħu.

(2) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri kien ġie inizjalat fit-2 ta' Ottubru 2000.

(3) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jiġi iffirmat f'isem il-Komunità.

(4) Dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu – kunsidrati d-disposizzjon ijiet dwar iż-żjidiet fil-kwoti fl-2000 – jiġi applikat fuq bażi provviżorja malajr kemm jista' jkun qabel l-aħħar tas-sena 2000, waqt it-tkomplija tal-proċeduri relevanti għall-konklużjoni tiegħu formali, soġġetta għar-reċiproċità,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-firmar tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Ukraina illi tikkonċerna l-estensjoni u l-emenda tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Ukraina fuq il-kummerċ fil-prodotti tessili inizjalati fil-5 ta' Mejju 1993, kif l-aħħar emendat mill-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri inizzjalat fil-15 ta' Ottubru 1999, qiegħed jiġi hawnhekk approvat f'isem il-Komunitajiet Ewropej, bla ħsara għad-Deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigwar tal-konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill qiegħed jiġi hawnhekk awtorizzat illi jinnomina l-persuna (i) illi ser ikolla s-setgħa illi tiffirma il-Ftehim fil-Forma ta' Skambju ta' Ittri f'isem il-Komunità, bla ħsara għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Novembru 2000 sakemm jilħaq il-konklużjoni tiegħu formali u suġġett għall-applikazzjoni provviżorja reċiproka ta' l-Iskambju ta' Ittri mill-Ukraina

([1]) ĠU L 123, 17.05.94, p. 718.
([2]) ĠU L 275, tat-8.11.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1987/2000 (ĠU L 237, tal-21.9.2000, p. 24).

*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjonim, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tessili minn pajjiżi terzi (2) ([1]), tista' tissospendi l-applikazzjoni tas-sistema ta' verifika doppja għal ċerti prodotti, wara l-konsultazzjonijiet ma' l-Ukraina taħt l-Artikolu 2(1), l-aħħar tal-Ftehim dwar il-kummerċ fil-prodotti tessilli, kif emendat mill-punt 3.4 ta' dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri.

2. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 3030/93, tadotta l-miżuri previsti fil-punt 6 ta' dan il-Ftehim fil-forma ta' l-Iskambju ta' l-Ittri, illi jikkonsisti fir-riapplikazzjoni tas-sistema tal-kwota applikabbli matul is-sena 2000 fil-każ ta' non-applikazzjoni mill-Ukraina tar-rati tat-tariffa deskritti fil-paragrafu 4 ta' dan il-Ftehim fil-Forma ta' Skambju ta' Ittri.

Magħmul fi Brussel, 19 Diċembru 2000.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

J. GLAVANY

---

([1]) ĠU L 275, tat-8.11.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummisjoni (KE) Nru 1987/2000 (ĠU L 237, tal-21.9.2000, p. 24).